



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

2010/2016(INI)

2.12.2010

OPINJONI

tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

għall-Kumitat għall-Affarijiet Legali

dwar il-garanzija ta' stimi tal-impatt indipendenti
(2010/2016(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Barbara Weiler

PA_NonLeg

PE448.966v02-00

2/4

AD\850192MT.doc

MT

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur jistieden lill-Kumitat għall-Affarjiet Legali, bħala l-kumitat responsabbi, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jenfasizza l-ħtieġa li jittieħdu t-tagħlimiet mill-evalwazzjoni ex-post tal-leġilazzjoni eżistenti u minn analiżi tal-ġurisprudenza rilevanti tal-QEġ, u li qabel ma tīgħi proposta leġiżlazzjoni ġdida, issir diskussjoni xierqa dwar l-għażliet strateġiċi disponibbli għal qasam ta' politika speċifiku;
2. Jisħaq fuq il-ħtieġa għal stimi komprensivi tal-impatt bħala prerekwiżit għal leġiżlazzjoni ta' kwalità għolja u għat-traspożizzjoni, l-applikazzjoni u l-infurzar kif jixraq;
3. Jinnota li, biex stima tal-impatt tkun oġġettiva, jeħtieġ li l-Kummissjoni sistematikament tikkonsulta mal-partijiet kollha interessati, inklużi l-intrapriżi żgħar u medji u l-organizzazzjonijiet tal-ħarsien tal-konsumaturi;
4. Iqis l-istima tal-impatt bħala "dokument ħaj" li jifforma parti mill-proċess leġiżlattiv; jenfasizza l-ħtieġa li tkun garantita bizzżejjed flessibbiltà biex ikunu jistgħu jsiru stimi tal-impatt ulterjuri matul il-proċess leġiżlattiv;
5. Jistieden lill-Kummissjoni biex tiggarantixxi li jitqiesu r-rekwiżiti tal-ħarsien tal-konsumatur billi tiżgura li l-istimi tal-impatt jeżaminaw l-effett potenzjali tal-proposti fuq il-konsumaturi, kif ukoll l-impatt ekonomiku, soċjali u ambjentali tagħhom;
6. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tiżgura li l-istimi tal-impatt ikun fihom valutazzjoni sinifikanti tal-impatt soċjali tal-proposti;
7. Jilqa' l-fatt li l-Linji Gwida l-ġoddha tal-Kummissjoni dwar l-Istimi tal-Impatt fihom impenn li teżamina l-impatt potenzjali tal-proposti fuq l-intrapriżi żgħar u medji;
8. Jenfasizza l-ħtieġa li l-ħidma tal-Bord għal-Istimi tal-Impatt tittejjeb billi jkun żgurat li sew l-experti tal-Kummissjoni mill-oqsma kollha ta' politika milquta kif ukoll il-Parlament Ewropew ikunu rrappreżentati;
9. Iħeġġeġ lill-Kumitat kollha biex, qabel ma jikkunsidraw proposta leġiżlattiva, jiddiskutu fil-fond mal-Kummissjoni dwar l-istima tal-impatt.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	30.11.2010
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: -: 0:
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Pablo Arias Echeverría, Cristian Silviu Bușoi, Lara Comi, Jürgen Creutzmann, Christian Engström, Evelyne Gebhardt, Małgorzata Handzlik, Malcolm Harbour, Iliana Ivanova, Sandra Kalniete, Eija-Riitta Korhola, Edvard Kožušník, Kurt Lechner, Toine Manders, Gianni Pittella, Zuzana Roithová, Heide Rühle, Christel Schaldemose, Andreas Schwab, Róża Gräfin von Thun und Hohenstein, Kyriacos Triantaphyllides, Bernadette Vergnaud, Barbara Weiler
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Frank Engel, Anna Hedh, María Irigoyen Pérez, Morten Løkkegaard, Pier Antonio Panzeri, Konstantinos Poupakis, Wim van de Camp, Anja Weisgerber
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Emma McClarkin, Jutta Steinruck